DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 29/2012

tal-10 ta' Frar 2012

li temenda l-Anness XX (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX ta' mal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 158/2011 tat-2 ta' Diċembru 2011 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/728/UE tad-29 ta' Novembru 2010 li tistabbilixxi kwestjonarju li għandu jintuża għar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis (IPPC) ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni 2010/728/UE tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/194/KE ([3]) li hija inkorporata fil-Ftehim, u li konsegwentament għandha titħassar mill-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test fil-punt 1fc (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/194/KE) tal-Anness XX ta' mal-Ftehim jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"**32010 D 0728**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/728/UE tad-29 ta' Novembru 2010 li tistabbilixxi kwestjonarju li għandu jintuża għar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis (IPPC) (ĠU L 313, 30.11.2010, p. 13)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2010/728/UE bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Frar 2012, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru 28/2012 tal-10 ta' Frar 2012 ([4]), tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, skont liema data minnhom tkun l-iktar tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

([1]) ĠU L 76, 15.3.2012, p. 45.
([2]) ĠU L 313, 30.11.2010, p. 13.
([3]) ĠU L 118M, 8.5.2007, p. 365–377.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.
([4]) Ara paġna 34 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.